MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (SEDE CIVILI) MALTA

**MAGISTRAT DR.
MELI SILVIO LL.D., DIP. STUD. REL., DIP. CAN. MATR. JUR. & PROC., CERT. JUR. & H.R. (STRASBOURG), P.G. DIP. EUROPEAN COMPETITION LAW (KING'S COLLEGE, LONDON), P.G. DIP. EUROPEAN LAW (KING'S COLLEGE, LONDON)**

Seduta tat-12 ta' Novembru, 2002

Avviz Numru. 830/2001/1

**Charles Galea**

**vs**

**R & R Waste Kleaners Ltd, Robert Debono u Joseph Debono**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat it-28 ta' Settembru tas-sena 2001 li permezz tieghu l-attur sejjah lill-konvenuti biex jghidu ghaliex m'ghandhomx ikunu kkundannati:**

**1. Ihallsuh is-somma ta' elfejn, tmien mija u sitta u disghin lira Maltin, (LM2,896.00,0), liema**

**somma hija dovuta ghal xiri u serivizz ta' ilma, liema ilma gie debitament ikkonsenjat u accettat minnhom;**

**2. Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet mid-data ta' meta kienu dovuti l-flus sad-data tal-hlas effettiv, kontra l-konvenuti jew min minnhom li gew ingunti ghas-subizzjoni;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta R & R Waste Kleaners Limited u tal-konvenut Robert Debono datata s-17 ta' Ottubru tas-sena 2001 li peremzz taghha eccepew is-segwenti:**

**1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li s-somma mitluba mill-attur hija esklussivament dovuta mill-konvenut Joseph Debono, ki ser ikun pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;**

**2. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;**

**3. Bl-ispejjez kontra l-attur li gie ngunt in subizzjoni;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut Joseph Debono datata t-13 ta' Novembru tas-sena 2001 li permezz taghha eccepixxa s-segwenti:**

**1. Preliminarjament, l-intempestivita tal-azzjoni attrici in kwantu diretta fil-konfront tieghu stante illi l-eccipjent qatt ma gie interpellat ghall-hlas, anzi kienu gew ipprezentati mandati kawtelatorji kontra z-zewg konvenuti l-ohra f'din il-kawza, izda mhux kontra l-eccipjent odjern, u kwindi, f'kull kaz, m'ghandux ibati l-ispejjez ta' din il-procedura;**

**2. Illi t-talbiet attrici huma neboluzi u ma hemmx tifsir car ta-talbiet attrici, invjolazzjoni tal-artikolu 156 (1) (a) tal-Kap. 12 stante li l-attur naqas milli jindika l-perjodu ta' zmien illi ghalih jirreferi l-allegat bejgh ta' ilma u prestazzjoni ta' servizzi da parti, u ghalhekk l-eccipjent minn issa jirriserva d-dritt**

**illi jressaq l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni wara illi jigi ndikat tali perjodu mill-attur;**

**3. Illi l-eccipjent fil-vesti tieghu personali m'huwiex il-legittimu kontradittur stante illi n-negozju li sar rigwardanti bejgh u xiri ta' ilma sar bejn l-attur u s-socjeta' R & R Waste Kleaners Limited u l-eccipjent, fil-vesti tieghu personali, qatt ma kien parti ghal tali negozju;**

**4. Illi fil-mertu, l-attur ghandu jaghti prova tal-ammont minnu pretiz u jezebixxi d-dokumentazzjoni relattiva, inkluz "statements" u "invoices";**

**5. Illi l-eccipjent fil-vesti tieghu personali qatt ma rcieva u/jew accetta u qatt ma gie lilu konsenjat xi ilma jew gew lilu rezi xi servizzi mill-attur;**

**Semghet ix-xhieda prodotta;**

**Rat id-dokumenti esebiti;**

**Rat in-nota tas-socjeta' konvenuta R & R Waste Kleaners Limited datata l-11 t'Ottubru tas-sena 2002 li permezz taghha ammettiet it-talbiet attrici;**

**Semghet ukoll lir-rapprezentanti legali ta' l-attur u tal-konvenuti l-ohra limitatament ghal dak li ghandu x'jaqsam ma' l-ispejjez ta' din il-procedura;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi ghal dak li jirrigwarda l-meritu ta' din il-procedura din il-qorti qed tistrieh ampjament fuq in-nota ta' ammissjoni tas-socjeta' konvenuta gia' fuq riferita;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi ghal dak li jirrigwarda l-ispejjez involuti stante li l-istess socjeta' konvenuta assumiet il-piz kollu tat-**

**talbiet attrici ma tarax ghaliex m'ghandiex ukoll tassumi l-piz ta' l-ispejjez involuti stante l-fatt li kieku aggixxiet bin-nota taghha tal-11 t'Ottubru tas-sena 2002 aktar qabel, allura l-ispejjez kienu jigu miniminizzati;**

**Ghaldaqstant din il-qorti filwaqt li tilqa' t-talbiet attrici tirrespingi l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta, u in vista ta' l-ammissjoni ta' l-istess socjeta' tillibera lill-konvenuti l-ohra mill-osservanza tal-gudizzju u tiddikjara wkoll li l-istess socjeta' konvenuta R & R Waste Kleaners Limited tkun responsabbli ghall-ispejjez kollha konnessi ma din il-procedura.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**